# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**(President)**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 17 ta' Marzu, 2022.**

**Numru 3**

**Rikors numru 1107/20/1 JPG**

**Natasha Muscat**

**v.**

**Andrei Nucelli**

**Il-Qorti:**

1. Illi dan huwa appell minn provvediment li ngħata mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) fis-17 ta' Diċembru, 2020, li in forza tiegħu, fil-kors ta' medjazzjoni bejn il-partijiet u fuq talba tal-attriċi, il-konvenut ġie ordnat li jħallas lill-attriċi, bħala manteniment *pendente lite* għaż-żewġ uliedhom,

is-somma ta' €400 pagabbli kull xahar, u nofs l-ispejjeż ta' saħħa, edukazzjoni u attivita` waħda extra-kurrikulari għal kull minuri.

2. Il-konvenut appella mid-deċiżjoni peress li qies li r-rata ta' manteniment hija esaġerata.

3. L-attriċi, b'mod preliminari, ressqet aggravju marbut man-nullita` tal-appell peress li tissottometti illi ma hemm ebda artikolu tal-liġi illi jagħti dritt ta' appell minn digriet mogħti fi stadju ta' medjazzjoni.

4. Din il-Qorti tirreleva li fi stadju ta' medjazzjoni ma hemmx kawża bejn il-partijiet, iżda proċess li fih il-partijiet jippruvaw, b'għajnuna ta' medjatur, isolvu l-problemi li għandhom bejnithom. F'sitwazzjoni li tixbaħ il-materja, din il-Qorti kienet diġa` esprimiet il-ħsieb li minn digrieti mogħtija fi stadju ta' medjazzjoni ma jista' jkun hemm ebda appell. Fil-kawża "**Axisa v. Axisa**" deċiża fil-25 ta' Marzu, 2011, intqal hekk a propożitu:

> *"Din il-Qorti lanqas ma tara li l-Artikolu 229 huwa applikabbli għall-każ. Dak l-artikolu, hu ċar, jitratta appelli minn digrieti pendente lite, filwaqt li, f'dan il-każ, id-digriet inħareġ waqt li l-partijiet kienu fl-istadju ta' medjazzjoni u, kwindi, meta ma kienx għad hemm kawża. Dak l-artikolu jispjega fid-dettal mil-liema digrieti maħruġa fil-kors tas-smigħ ta' kawża mhux permess appell qabel is-sentenza definittiva, mil-liema digrieti hemm dritt awtomatiku ta' appell, u mil-liema digrieti jista' jsir biss appell qabel is-sentenza wara permess mill-Qorti li tkun tat id-digriet. Hu ċar li l-liġi qed tirreferi għad-digrieti mogħtija waqt smigħ ta' kawża, speċjalment meta tqis il-ħtieġa li ċertu atti jsiru mill-Qorti bil-miftuħ, b'appell isir wara qari tad-deċiżjoni fil-miftuħ jew fid-data tal-ewwel seduta bil-miftuħ wara l-għoti tad-digriet in camera. Fl-istadju ta'*

*medjazzjoni għad ma hemmx "kawża" bejn il-partijiet u lanqas jinżammu seduti fuq il-meritu mill-Qorti bil-miftuħ; il-kawża tinfetaħ wara awtoriżazzjoni mill-Qorti meta lilha jiġi rapportat li l-medjazzjoni ma seħħitx. Din il-Qorti trid tagħmilha ċara li hi mhux qed tgħid li, fl-ordinament ġuridiku tagħna, ma hemmx mezz kif jistgħu jiġu kontestati digrieti simili bħal dak in eżami (biżżejjed li wieħed jirreferi għall-mod ta' impunjazzjoni tad-digrieti maħruġa mill-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja), pero`, li hi qed tgħid hu li minn digriet simili li nħareġ fl-istadju li ngħata, ma hemmx appell kif imressaq mill-appellant Joseph Axisa. Il-Qorti ma tistax tissupplixxi għal dak li l-liġi ma tipprovdix, u l-appell għandu, għalhekk, jitqies irritu u null".*

5. Tajjeb li din il-Qorti tirribadixxi l-ħsieb tagħha ġia espress li d-dritt tal-appell ma huwiex xi ħaġa awtomatika u trid tagħtih il-liġi biex jista' jingħad li hemm dan id-dritt. Dan intqal minn din il-Qorti fil-kawża "**Go plc v. Zammit**" deċiża fid-29 ta' Mejju, 2015, fejn ġie osservat is-segwenti:

*"4. Il-qorti tosserva illi llum, wara l-bdil li seħħ bis-saħħa tal-emendi li saru fl-1995 fil-Kodiċi ta' Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili, id-dritt ta' appell minn dikrieti huwa regolat bl-art. 229 kif sostitwit bl-art. 113 tal-Att XXIV tal-1995 u li bis-saħħa tiegħu ġiet superata l-ġurisprudenza ta' qabel.*

*5. Id-distinzjoni li jagħmel l-art. 229 ma hijiex bejn dikrieti interlokutorji u dawk definittivi iżda biss bejn (i) dikrieti li ma jistax isir appell minnhom jekk mhux flimkien ma' appell mis-sentenza definittiva, (ii) dikrieti li jista' jsir appell minnhom qabel is-sentenza definittiva, u (iii) dikrieti "residwali" illi jista' jsir appell minnhom qabel is-sentenza definittiva iżda biss bil-"permess speċjali" tal-qorti. Id-dikrieti li jissemmew fl-art. 229(1) u (2) huma kollha "interlokutorji" għax ebda wieħed minnhom ma jaqta' l-kwistjoni li tifforma l-meritu tal-atti li fihom jingħataw dawk id-dikrieti, u post se exspectant sententiam, waqt illi l-art. 229(3) – li joħloq il-kategorija "residwali" – jirregola "appell minn kull dikriet interlokutorju ieħor". Il-konklużjoni trid bilfors tkun illi l-art. 229 jagħti dritt ta' appell minn dikrieti interlokutorji biss. Ċertament, ma jagħtix dritt ta' appell minn dikriet bħal dak de quo li la jissemma fl-art. 229(1) jew (2) u lanqas jaqa' fil-kategorija "residwali" tal-art. 229(3) billi ma huwiex dikriet interlokutorju".*

6. F'dan il-każ, u mingħajr ma din il-Qorti tippronunzja ruħha fuq il-validita` ta' dan l-insenjament, tgħid li anke jekk id-digriet in kwistjoni jista'

jitqies wieħed interlokutorju, biex ikun jista' jsir appell f'dan l-istadju dan jista' jsir biss taħt il-provvedimenti tal-Artikolu 229 tal-Kodiċi ta' Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili, li jfisser li jeħtieg li jkun hemm il-permess tal-Qorti li ħarġet l-istess digriet, li f'dan il-każ ma hemmx; fil-fatt, lanqas biss intalab tali permess.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, tqis l-appell interpost minn Andrei Nucelli bħala irritu u null u qed tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-istess.

L-ispejjeż marbuta ma' dan l-appell jitħallsu kollha mill-appellant Andrei Nucelli.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo<br>President | Tonio Mallia<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm